FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 11 T' APRIL, 2002**

**Numru: 26**

**Avviz Nru: 453/01 JB**

**Montaldo Insurance Agency Ltd bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-assiguratrici taghha Maria Concetta Grech**

**vs**

**Mario Tonna**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm521.98c (hames mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) rappresentanti danni lis-socjeta' attrici in rigward tal-incident stradali li gara' f'Old Railway Track, Santa Venera fit-18 ta' Gunju, 1999 meta l-vettura

Numru ta' Registrazzjoni VWI 600 misjuqa mill-konvenut Mario Tonna, habtet gol-vettura Numru ta' Registrazzjoni AVG 177 misjuqa minn Maria Concetta Grech u dana minhabba traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Gunju, 2001, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dawn il-proceduri kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn il-konvenut ecepixxa, illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tad-Kodici Civili.

Illi bla pregudizju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma' garax tort tal-eccipjenti, izda gara tort tal-assikurata tal-attur.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti esibiti.

Ikkonsidera

Illi l-kollizzjoni in ezami si tratta ta' zewg vetturi, wahda wara l-ohrajn, sejrin fl-istess direzzjoni u ta' quddiem riedet tibdel l-korsa taghha billi taghmel manuvra ta' kisra fuq ix-xellug. Ir-

regolamenti tat-traffiku li fil-waqt l-vettura ta' wara trid izzomm distanza ragjonevoli minn ta' quddiemha bhala prekawzjoni ghal kull eventwalita, bhala sigurta ta' sewqan u kombaccjat mill-obbligu ta' 'proper look out' ghal dak kollu li qed jigri quddiemha, l-vettura ta' quddiem trid tahseb ukoll f'ta warajha billi taghti pre-avviz li ser tibdel id-direzzjoni.

Illi l-assigurata tas-socjeta' attrici hekk kif waslet vicin id-dar residenzjali taghha kienet tikser lejn ix-xellug biex jidhol fid-drive-in. Ghamlet manuvra wahda, pero bid-differenza li xeghlet l-indicator biex taghti indikazzjoni lil ta' warajha bil-kambjament ta' direzzjoni. Dana jikkombacja mal-versjoni minnha moghtija 'a tempo vergine' lil Pulizija nvestigattiv dakinhar ta' l-incident (vide xhieda 22/11/01 u Dok MCG1 – esibit 22/11/01) ghalkemm ma' giex konfermat mill-istess Pulizija nvestigattiva.

A rigward tal-konvenut, ghaliex il-manuvra tal-vettura ta' quddiemu hasdithu daqshekk! Kellu 'proper look out'? Bil-'braking distance' ghax kellu l-marki fit-triq flimkien mal-'thinking distance', xorta wahda ma rnexxilux iwaqqaf il-vettura a tempo biex jevita l-incident bil-velocita li qal li kien ghaddej – mhux aktar minn 50 kilometru fis-siegha u tul ta' tlett vetturi spazju bejniethom. It-Tribunal ihoss li l-velocita eccessiva u nuqqas ta' proper look out f'dak l-ambjent f'dawk ic-cirkostanzi gieghlu lil konvenut li ma jevitax il-kollizzjoni (vide xhieda 15/01/02).

In vista ta' polza tat-tip 'comprehensive' s-socjeta' attrici hallset ghad-danni subiti mill-assigurata taghha.  Veru li d-dokumenti ma gewx prodotti pero' l-ammont gie konfermat mill-Claims Manager David Debono nhar il-31 ta' Novembru 2001.  Inoltre, dan ma giex kontestat bl-ebda mod mill-konvenut – la fir-risposta wisq anqas fix-xhieda.

Relattivament ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, ma saret l-ebda enfasi fuqha u wisq anqas ippruvata.

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa' t-talbiet attrici jiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghall-incident 'de quo' u jikkundannah ihallas is-somma in linea ta' danni fl-ammont ta Lm521.98c (hames mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu).

Bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba kontra l-konvenut.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**